## TMINTAX-IL SENA ILU

Lil bintu kont nafha. Ma kellux ħliefha. Kellha xi tmien snin, u kienet magħtuba minn twelidha. Kienet ħelwa li ma ngħidlekx. Kellha għajnejha żoroq, xagħarha qastni u wiċċ mimli dehen, għad li hekk ċkejkna.

Il-Ħadd, 25 ta' Mejju, 1941.

Mid-Djarju 'Taħt in-Nar'
ta' G. Ellul Mercer.

*It-tifla kienet mietet f'dirgħajn ommha.*
*Bil-kemm kellha tmien snin: fi fjur ħajjitha*
*tidħak kull fejn taraha, wiċċha bħal warda*
*li tiftaħ ħelwa għad-dawl tax-xemx ħanina.*
*Għajnejha kbar u żoroq kienu jiddu*
*bis-safa ta' ġo qalbha, w fuq xufftejha*
*kellha t-tbissima hienja tat-tfulija.*
*Kulħadd iħobbha: it-tfal jilagħbu magħha,*
*wil-kbar imellsu xagħarha bħat-tajjar.*
*Dit-tifla barra t-triq u kullimkien*
*kienet il-għaxqa w l-hena tal-ġirien.*
*Kull fl-għaxija, qabel timtedd f'sodditha*
*kienet quddiem il-kwadru tal-Madonna*
*tgħid m'ommha ftit tat-talb, u mbagħad, imgħannqa*
*ma' pupa ċkejkna torqod il-lejl f'sikkitha.*
*Kemm kienet hienja w safja dik il-ħajja*
*ta' tifla li ma tafx il-qerq u l-ħażen!*
*Il-lum hemm kienet mejta f'dirgħajn ommha,*
*rasha mitluqa 'l wara, wid-demm hiereġ*
*igelgel minn fuq ġbinha: fuq għajnejha*
*nofshom magħluqa kien hemm iċ-ċpar tal-mewt.*
*Driegħ wieħed għadu mdawwar ma' għonq ommha*
*wid-driegħ l-ieħor mitluq bla saħħa w ħajja,*
*u bejn subgħajha żgħar qishom tax-xama'*
*għadha kemm kemm imqabbda pupa ċkejkna.*
*Kienet qed tilgħab ibennen dik il-pupa*
*fuq il-għatba tal-bieb, tgħannilha w tbusha*
*tgħannaqha ma' sidirha, u tħaddanha.*

*Il-jum kien diefi, ċar daqs il-kristall,*
*il-ħajja kienet miexja bla tfixkil:*
*ħadd ma jaf mnejn leħħ ajruplan bħal seqer*
*u waddab bomba — waħda biss — u għab.*
*Warajh ħalla tarbija fl-art minxura*
*f'għadira demm.*

*It-tifla kienet mietet f'dirgħajn ommha,*
*u dik l-imsejkna omm, għelm tat-tbatija,*
*ma felħitx tibki. Ebda demgħa taħraq*
*ma xerrdet minn għajnejha, ebda tnehida*
*ma telgħet fuq xufftejha, imma qalbha*
*bil-biża' w l-hemm ħassitha ser tinqasam.*
*Għaliex dad-demm? . . . . . id-demm ta' nies bla ħtija,*
*id-demm ta' tfal ċkejknin fil-fjur tal-ħajja?*
*Id-demm iservi sabiex bih jinħaslu*
*l-idejn ta' l-ambizzjoni. Imma, ja bniedem,*
*mhux il-qawwa ta' l-armi u tad-dnewwa*
*li tiġbed lejha l-qalb u ġġib l-imħabba,*
*imma l-forza tal-għerf u tar-raġuni.*
*L-għaref ifittex il-ħelsien u l-paċi,*
*id-dgħajjef biss jaqla' w iġib il-gwerer.*
*Misħuta l-gwerra! . . . . . għax bi ħniena m'għandhiex*
*mit-tfal li għira ma jafux xinhi,*
*it-tfal ckejknin ta' tmienja w għaxar snin.*

25.v.59

Ġuże Chetcuti